Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SITTA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 20 ta' Mejju 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.45pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Agent-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Cordina talab sospensjoni tal-laqgha sabiex ikun jista' jitkellem is-Sur Alfred Cuschieri resident fi Triq il-Passulina. Is-Sur Cuschieri qal li hu gab petizzjoni ffirmata min xi residenti l-Kunsill u fost affarijiet hu talab: li titnehha l-iskip tal-hgieg li hemm quddiem Dar Santa Katerina, li titkompla l-bankina sabiex din tigi shiha, li jsir rapport il-MEPA fuq zewg garaxxijiet li hemm Triq il-Linja u Triq il-Mosta, jsir *enforcement* fuq il-klieb li jhammgu fuq il-bankini, jimtlew it-trinek li hemm bhal dik ta' Triq l-Ghenba li jithaffru spiss mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma, ikun gurnata li fiha s-Sindku jiltaqa' mar-residenti, il-gebla li hemm hierga l-barra mill-bankina quddiem il-binja fi Triq Santa Katerina, il-warden li jkun quddiem l-iskola jaghmel bicca *tape* biex tinghalaq it-triq flok joqghod iharrek lil kull min jghaddi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li s-sistema hdejn l-iskola nbidlet u li l-Gwardjan qed joqghod fuq u jaghmel tabella n-naha t'isfel liema tabella tinhareg u tiddahhal l-iskola fid-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola.

Is-Sur Kevin Briffa tkellem fuq l-inkonvenjent mis-sbieh sahansitra bil-lejl bl-iskip tal-hgieg li hadd m'ghandu hinijiet u sahansitra nhar il-Hadd fis-6am l-istess resident kellu xi jghid ma xi hadd li kien qed jitfa' l-hgieg f'hinijiet bikrin.

Is-Sur Cordina saqsa jekk hux l-iskip tal-hgieg biss. Ir-residenti qalu li l-ikar tal-hgieg imma jekk dawn jigu rilokati hdejn l-entratura tal-fabbriki jkun ahjar. Huma qalu wkoll li veru li sar miljorament u l-area hija iktar nadifa imma ma jistax ikun jibqghu isoffru dan l-inkonvenjent. Huma semmew ukoll l-inkonvenjent tal-trakkijiet telghin u nezlin imma l-*update* ta' fuq il-barriera se jinghata iktar il-quddiem. Is-Sur Briffa qal ukoll li hu nfurmat li biex jinghata permess ghar-rimi ta' radam is-sid irid jipprovdi *street cleaner* sabiex titnaddaf l-area wara d-dhul u hrug tat-trakkijiet.

L-Avukat Mangion qal li l-livelli qabzu l-livell ta' Wied Incita u jidher bic-car li min-mindu l-Kunsill beda jitkellem l-munzell tela' izjed. Il-Perit ghamel l-isforz u ghamel proposti meraviljanti u fil-fatt ma sar xejn konkret minn sena w'nofs l'hawn u wiehed ma jlumx il-Perit jekk sid il-barriera ma zammx ma dak li tablet il-MEPA.

Is-Sur Spiteri qal li wasal iz-zmien li l-Kunsill jerga' jiehu azzjoni, bhal *Press Conference* li kienet saret fil-bidu li kienet effettiva ghax jidher fic-car li s-sid qieghed *playing for time*.

Is-Sur Bonnici qal li din il-barriera mhi ha tispicca qatt ghax il-materjal li qed jidhol qed jigi riciklat. L-Avukat Mangion qal li allura ghandna sitwazzjoni minghajr regolamentazzjoni u ha jibqa' jaghmel li jrid ghax issa qed jiddiskuti. Il-MEPA gew jaraw b'ghajnejhom u meta sid il-barriera ffaccja l-ghola ufficcjali tal-MEPA qal li lest jiddiskuti. Kompla billi qal li issa z-zmien issa ghadda bizzejjed u hemm bzonn li jigu mplementati dawk il-mizuri li kienu stipulaw fl-2008. Dr. Luisa Gauci Baluci qalet li qas ghandna bzonn lilna l-MEPA ghax setghet implementat dak li tablet skond l-ittra li kienet baghtet lis-Sid.

Dr. Mangion qal li issa wasal iz-zmien li l-Kunsill jibghat ittra l-MEPA u jinformaha li d-diskussjonijiet mas-Sid ma waslu mkien u pratikament waqfu u li hemm bzonn jittiehdu l-mizuri biex immedjatament l-access minn H'Attard jispicca u jigu mplementati l-kundizzjonijiet mitluba fl-ittra mibghuta mill-MEPA lis-Sid fit-12 ta' Novembru 2008.

Is-Sinjura Attard tablet tkun taf x'gara fuq is-sitwazzjoni tal-qtates. Hi tablet tkun taf x'gara fuq r-*relocation* tal-qtates fi Gnien l-Istazzjon. Is-Sur Cordina qal li sar kuntatt mal-Vici-Sindku tal-Furjana fuq il-kwistjoni u dawn wrer lill-Kunsill x'ghamlu fil-kaz taghhom. Is-Sur Cordina kompla billi qal li dawn il-qtates ha jigu kollha *neutered* b'xejn kif ukoll jinxtrawlhom *cat cafes.* Is-Sur Pace qal li din mhix ha ssolvi l-problema ghax dawn il-qtates xorta ha jibqghu jitilghu mal-hitan tas-Sinjura Attard. Is-Sinjura tenniet li hemm post vicin fejn toqghod is-Sinjura Wenza Micallef, cioe' l-*Industrial Estate* u dawn jistghu jigu *relocated*. Is-Sur Cordina ghamel kuntatt ma' Janine Vella u din qalet li skond l-Animal Welfare ma jistax isir *relocation*. Ha ssir laqgha ghada mas-Sinjura Vella biex tingab iktar informazzjoni.

Il-Perit Godwin Agius talab jitkellem. Hu qal li hemm propost progett ta' cimiterju, u ghalkemm dan il-progett ghadu fil-bidu xtaq jiddiskuti dan il-progett mal-Kunsill. Saru xi konsultazzjonijiet mal-MEPA fuq distanzi boghod mir-residenza,mill-Wied biex jinzammu s-sigar li hemm.

Hu qal li nhasset il-htiega li jsir dan ic-cimiterju ghax il-popolazzjoni kibret u biss biss il-*waiting list* ghall-oqbra gewwa l-Addolorata hija ta' xi 850 qabar u d-domanda mhix bizzejjed. Il-Perit qal li ha jkun hemm post ghal xi 800 qabar li hija d-domanda li hawn bhalissa ghalihom.

Il-Kunsill ta wkoll parir fuq krematorju. Il-Perit qal li l-Knisja ma taqbilx ma krematorju u anka trid issir applikazzjoni l-MEPA. Il-kremazzjoni mhix xi haga semplici lanqas. Il-Kunsill ha jkompli jiddiskuti dan il-progett mas-sidien.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Approvati.

**2. KORRISPONDENZA**

- 🗁 Ittra mis-Socjeta' MUSEUM rigward talbiet sabiex tinghalaq it-triq waqt il-hin tal-Katekisti jaghmluha ta' crossing guards u jinghataw bibs , palette u training. Is-Sur Cassar qal li hemm avviz fuq il-website u nistghu nghaddu kopja lill-katekisti.
- 🗁 Ittra minghand residenti fi Triq Kananea fuq l-i*skips* f'Dahlet l-Istringitur. Is-Sur Stefan Cordina qal li kieku dawn qeghdin quddiem biebu ma jridx l-inkonvenjent ta' l-istorbju bil-lejl u bin-nhar. Id-Dottoressa Gauci Baluci qalet li wiehed jghid li dawn huma *eyesore* hija xi haga ta' barra minn lokha ghax huma puliti u jitnaddfu regolarment. Is-Sur Cassar talab li ssir laqgha mal-Greenpak u wiehed jara x'jghid hu. Is-Sur Spiteri ssuggerixxa li jsiru *stickers* u jitwahhlu mal-iskips tal-hgieg li tfiegh jista' jsir bin-nhar u f'hinijiet decenti u ghalissa jibqa' kollox kif inhu.
- 🗁 Ittra minghand is-Sur Godwin Scerri rigward storbju ta' carcades etc. L-ittra ghandha tintbaghat lill-Pulizija sabiex jigi regolarizzat it-traffiku u ma jghaddix minn H'Attard. L-issue ghandha tigi diskussa ma' TM u ssir No Entry bil-hin.

🗁 Ittra minghand residenti fi Triq il-Pruna rigward l-*isleeping policeman* li hemm fil-bidu tat-triq li skond l-*enforcement* ta' TM ghandha titnehha. Din ilha hemm mill-1995 u ghaldaqstant Il-Kunsill qabel li din tibqa' fejn hi sakemm tigi kostruwita kif suppost.
🗁 Ittra MEMO rigward Lifelong Learning. Hemm Laqgha fil-31 ta' Mejju u wara li jattendi ghaliha s-Segretarju Ezekuttiv tinghata l-informazzjoni lill-Kunsill.
🗁 Gew pprezentati ghall-attenzjoni tal-Kunsill l-*Annual Audit Report* u l-*Financial Statements* tal-Kumitat Kongunt B'Kara.
🗁 Ittra minghand is-Sur Cuschieri rigward talba sabiex titnehha l-iskip u tigi *re-aligned* il-bankina. Dan l-*item* ga gie diskuss.
🗁 Ittra minghand il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment rigward iz-zriegh ta' sigar wara Monte Carmeli. Ghandha tintefa' applikazzjoni l-MEPA u wara li tigi approvata tkun tista' tigi pprocessata l-applikazzjoni taghna.
🗁 Risposti rigward *parking bays* fi Triq Ganni Portelli. Minhabba li l-bays faccata ta' xi drive-ins ma jistghux isiru u l-oggezzjoni ta' xi nies ghall-istess gie deciz li ma jsirux.
🗁 E-mail minghand id-Dottoressa Gauci Baluci rigward l-WIFI li ha jisponsorja l-Gvern fil-Pjazza u li l-kumpalment sabiex isiru isir hlas ta' €75 fix-xahar mill-Kunsill.
🗁 Ittra minghand il-MEPA rigward *e-applications.* Il-Kunsill ga r-registrata sabiex ikun jista' jipprocessa l-applikazzjonijiet tieghu hu.
🗁 Talba ghall-*sleeping policeman* fit-toroq Qarsajja u Tursin ir-Rih. Din it-talba giet milqugha u ghandha tintbaghat lit-Transport Malta.

**3. TENDERS DECIZJONI TAL-BORD T'AGGUDIKAZZJONI**

It-Tenders inghataw hekk:
Mario Mallia – Sinjali tat-Toroq
Koptasin - Marki tat-Toroq
Elle's - *Patching*

**4. *DRAFT MANAGEMENT LETTER* U RISPOSTA TAS-SINDKU**

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat il-*Management Letter* kif ukoll ir-risposta li mghatat. Dawn gew approvati fl-imkien ma' l-amendi fil-*Financial Statements* u ffirmati.

**5. RICIKLAGG HWIENET U STABBILIMENTI KUMMERCJALI – *SURVEY WASTESERVE***

Is-Sur Ralph Cassar talab li ssir laqgha mal-Greenpak u li n-nies jigu mfakkra li nhar ta' Tlieta jingabar riciklagg biss.

**6. BARRIERA UPDATE**

Dan l-item gie diskuss.

**7. MEPA PJAN LOKALI**

Is-Sur Cassar qal li vera ntrebhet il-kawza fuq il-binja ta' Triq Lorenzo Manche (Ta' Fgieni) imma ta' min wiehed ifakkar il-MEPA fuq dawk il-punti li kienu gew elenkati meta saret il-konfernza stampa. Is-Sur Spiteri qal li ta' min wiehed jigbed l-attenzjoni li ghalkemm jistghu johorgu ziemel biex jonxru ma jistghux jaghmlu rails. Is-Sur Pace qal li veru certu binjiet huma rovinati minn cilindri tal-gas sofor fil-gallariji u ghandha tintbaghat ittra f'dan is-sens jew issir laqgha rigwar il-Pjan Lokali mal-MEPA.

Is-Sur Cassar qal ukoll li ghandu jkun hemm policy fuq kemm ghadhom jifthu hwienet u stabbilimenti kummercjali u ghanda ssir ittra lill-MEPA sabiex dawn isiru.

Ghandha tigi ffissata laqgha mal-MEPA.

**8. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Cordina ressaq dan il-punti:

- Talba biex il-Kunsill jimxi mal-*policy* u ssir talba ghall-*parking bays* u *yellow lines* fi Triq Kananea.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Triq il-Qarsajja rega' hemm hafna zibel mitfugh fejn hemm ix-xarabank mitfugh.
- Triq ir-Ruzell issir one-way. Is-Sur Pace qal li ma tistax issir u li jrid ikun hemm studju sewwa dwar l-ahjar mod kif din ghandha ssir.
- Sigra fi Triq l-Imdina ghandha bzonn zabra ghax ghalqet it-Traffic Lights u gara ncident kbir bil-lejl.
- Issir bozza gdida fi Triq il-Hatab.

Is-Sur Mark Anthony Spiter ressaq dan il-punti:

- Talab li waqt il-World Cup ma tinghalaqx Triq il-Kbira.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Issir reminder sabiex isir it-tarmak fejn fadal ta' Triq il-Faqqiegh.

Is-Sur Alfred Zammit:

- Talab li jinzabru l-ferghat ta' dar fi Triq il-Gibjun issa li s-Segretarju Ezekuttiv ga kiteb lir-residenta in kwestjoni. Din it-talba giet accettata.
- Jekk il-Kunsill kienx kiteb lil Tal-Farenheit. Is-Segretarju wiegbet li iva u li dan ma wiegebx.

## 9. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.45pm ghat-Tlieta, 22 ta' Gunju 2010.

________________________ ____________________
Sindku Data